**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 14 ta' Novembru 2018**

**Talba Nru: 479/18 CZ**

**Peter Dimech (ID 119183 (M)**

**vs**

**William Bugeja**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-attur mressqa fil-11 t'Ottubru 2018 u li permezz taghha talab lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' seba' mitt Euro (€700) rapprezentanti bilanc ta' somma ikbar li l-partijiet kienu ftehmu dwarha bil-miktub (Dok. A – skrittura datata 6 ta' Gunju 2015) bhala arretrati ta' paga u overtime dovuti lill-attur.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal.

Sema' x-xiehda ta' l-attur, li kkonferma li l-ammont reklamat minnu ghadu dovut fl-intier tieghu mill-konvenut.

Ra li t-talba giet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

**Ikkunsidra:-**

1. Permezz ta' din it-Talba, l-attur qed jitlob il-hlas tas-somma ta' seba' mitt Euro (€700) rapprezentanti bilanc ta' somma ikbar li l-partijiet kienu ftehmu dwarha bil-miktub (Dok. A – skrittura datata 6 ta' Gunju 2015) bhala arretrati ta' paga u overtime dovuti lill-attur.

2. Illi l-attur ikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont reklamat minnu ghadu dovut fl-intier tieghu.

**Ikkunsidra ulterjorment**;

3. Illi l-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:

(b) Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis. (sottolinejar tat-Tribunal).

4. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma' lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

5. Fil-kaz odjern, il-konvenut giet debitament notifikat u la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal fl-14 ta' Novembru 2018.

6. Jirrizulta li t-talba tal-attur hija fondata u ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mill-attur ma ghandux mis-sewwa.

7. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal jiddikjara li l-ammont mitlub mill-attur huwa dovut mill-konvenut.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tal-attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' seba' mitt Euro (€700) bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-kawza sal-hlas effettiv. L-ispejjez u drittijiet ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur